# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Gunju 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 387/2019 JVC**

**Gaetano u Judith Cutajar karti tal-identita' rispettivament 855747M u 959650M**

**vs**

**Agenzija ghal-Infrastruttura Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

l. 'Illi l-esponent huwa sid ta' l-art maghrufa bhala ta' Randa sive ta' sqaq Awzara fil-limiti ta' Hal Qormi ahjar delinat b' l-isfar fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dokument B, liema art huwa kien xtara b' kuntratt fl-atti ta-Nutar Dottor Tonio Spiteri tat-30 ta' Jannar, l988 kopja ta' liema kuntratt hija hawn ezibita u markata Dokument A;

2. Illi l-esponenti kienu jinsabu fil-pussess ta' dina l-art sa recentement meta saru x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza;

3. Illi l-intimat kontra r-rieda u kunsens taghhom u klandestinament ghamel xoghol fil-proprjeta taghhom u cioe fuq dik il-parti immarkata b' l-isfar fuq l-annessa pjanta liema xoghol jikkonsisti fit-twessih u formazzjoni ta' triq publika tant li qabel l-istess xoghol ir-rikorrenti kienu kitbu lill intimate biex ma jaghmlu l-ebda xogholijiet fil-proprieta taghhom (ara ittra tat-24 ta' Ottubru 2018 markata Dok D, ghall din l-ittra l-esponent kellu risposta tal-24 ta Marzu 2019 hawn markata Dok F;

4. Illi tali agir jammonta ghall-spoll vjolenti u klndestin billi l-art in kwistjoni kienet fil-pussess taghhom meta l-intimat dahal fiha biex iwittiha u jiftah it-triq;

5. Illi dan gar ghall-habta tal-bidu ta' Marzu ta' din is-sena u fid-18 ta' Marzu 2019 r-rikorrent interpella lill-intimati biex jispurgaw l-ispoll minnhom kommess izda inutilment, din ittra qed tigi hawn ezibita u mmarkata bhala Dok C kif ukoll baghat ittra bonarja tal-15 ta Marzu 2019 hawn ezibit u mmarkat Dok E;

6. Illi wara dan ir-rikorrenti fitxew ghall-spoll lill-Awtorita tat-Traport u din b' ittra ufficjali tal-5 ta' April, 20l9, (hawn ezibita u

mmarkata Dok K), irrispondiet li ma kienitx l-legittima kontradittur, u ghalhekk regghet saret mir-rikorrenti il-prezenti kawza, issa anke kontra l-Agenzija ghall-infrastruttura sa biex fit-terminu preskritt mill-ligi huma jissalvagwardaw id-drittijiet taghhom;

7. Illi r-rikorrent kien ga ottjena zmien qabel il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Aworita ghat-trasport biex dawn ma jaghmlux xoghol fuq l-art u ma jinvadux l-art tieghu minghajr ma jsegwu il-proceduri rikjesti mill-ligi;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex jigi spurgat lis-spoll kommess ghad-dannu tieghu;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddecidi li bix-xoghol li ghamel l-intimat fuq il-proprjeta posseduta mir-rikorrenti kif fuq inghad u cioe fuq dik l-art, immarkata b' l-isfar fuq l-annessa pjanta liema xoghol jikkonsisti fit-twessih u formazzjoni ta' triq pubblika, huwa ikkometta spoll ghad-dannu tar-rikorrenti;

2. tikkundanna lill-intimat jispurga lis-spoll minnhu kommess f'terminu qasir u perentorju;

3. b'riserva ghall-kull azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrent in vista ta' dak fuq inghad;

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita intimata li tibqa, fil-persuni tar-rapprezentanti guridici taghha, ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

U b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-konfront tal-intimati ghad-danni u/jew kumpens mod iehor in vista tal-okkupazzjoni tal-fond tar-rikorrenti minghajr titolu validu fil-ligi.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-Agenzija ghal-Infrastruttura Malta li taqra kif isegwi:

1. 'It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi mhux minnu li l-eccepjenti ikkommettiet spoll ghad-dannu tar-rikorrenti.

2. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, ma jirrikorrux f'dan il-kaz l-elementi mehtiega bil-ligi biex tista' tirnexxi l-azzjoni tentata mill-atturi.

3. F'kull kaz ukoll, l-eccepjenti ma wettqet ebda spoll, u lanqas agixxiet klandestinament kif qed jallegaw l-atturi fit-talbiet taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Semghet ix-xiehda kollha u rat il-provi kollha fl-atti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2022 liema trattazzjoni giet ukoll traskritta.

Rat illi fil-verbal datat 19 ta' Mejju 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'allegat spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrenti jsostni li huma proprjetarji ta' art gewwa l-Imriehel u jzidu li f'Marzu, 2019 l-intimata wettqet xoghlijiet fl-art taghhom u cioe' tarmak jew asfalt u tpoggew xi barriers minghajr il-kunsens taghhom u ghalhekk sehh l-ispoll. Da parti taghha l-intimata tinsisti li l-art in kwistjoni kienet gia ffurmata fi triq u kienet tintuza mill-pubbliku u ghalhekk teccepixxi li ma sehh l-ebda spoll.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-Artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

> 'Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili.'

Illi skont l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet **Delia vs Schembri** (deciza mill-Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

> 'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa 'qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato'. (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza **Margherita Fenech vs Pawla Zammit** (deciza fit-12 ta'

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

April 1958) jinghad illi:

> 'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'

Illi kif ukoll gie ritenut:

> 'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċizi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'(**Cardona vs Tabone**, Appell Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

> 'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione **..**'[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbuziv:

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

> 'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'[4]

u

> 'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'[5]

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

> 'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) **f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar**, (13.02.2004) irriteniet illi:

---

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

'Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi.'

Aktar specifikatament **f'Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) il-Prim'Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'. (**MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri**, Prim' Awla, Qorti Ċivili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**<u>Mertu:</u>**

Il-Qorti rat a fol. 5 et seq tal-process il-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri li permezz tieghu ir-rikorrent akkwista l-art deskritta bhala 'l-ghalqa msejjha "ta Randa" sive "ta Sqaq Awzara" limiti ta' Hal-Qormi tal-kejl superficjali ta' cirka erba' tumoli tliet sighan u erba' kejliet . . . . .' liema kuntratt igib id-data tat-30 ta' Jannar, 1988. Ghalkemm f'dan il-kuntratt jinghad li l-art hija mmarkata fil-pjanta annessa Dokument X mhux car

jekk id-dokument esebit a fol. 10 hux il-pjanta in kwistjoni stante li ma ghandu l-ebda indikazzjoni fuqu.

Rat l-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu, 2019 ndirizzata lill-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport (fol. 12) liema ittra taghmel referenza ghal allegat xoghol ta' twessih u formazzjoni ta' triq pubblika fil-lok indikat fuq pjanta annessa li izda ma gietx annessa mal-kopja moghtija lill-Qorti.

Rat l-ittra interpellatorja datata 24 ta' Ottubru, 2018 (fol. 13) ndirizzata lill-Kap Ezekuttiv Eng. Frederick Azzopaddi li fiha ssir referenza ghall-intenzjoni tieghu li ssir it-triq fuq l-art tar-rikorrenti u jigi formalment avzat li l-art hija proprjeta taghhom u li mhux qed jaghtu kunsens sabiex din issir. Ghal darb' ohra ghalkemm jinghad li hemm pjanta annessa mal-ittra din ma gietx esebita fl-atti.

Rat l-ittra interpellatorja datata 15 ta' Marzu, 2019 (fol. 14) din id-darba indirizzata lill-Kap Ezekuttiv ta' Trasport Malta indikat bhala l-istess Eng. Frederick Azzopardi li ggib id-data tal-15 ta' Marzu, 2019, li permezz taghha jigi avzat li stante li fl-ahhar hmistax, nonostante l-avviz precedenti, Trasport Malta kienet prosegwiet sabiex taghmel ix-xoghlijiet konsegwentement ir-rikorrenti kienu ser jiehdu passi legali jekk ix-xoghol ma jitnehhix fi zmien jumejn.

Rat l-ittra responsiva datata 24 ta' Marzu, 2019 (fol. 15 tal-process) li permezz taghha r-rikorrenti gew infurmati li l-Inginier Frederick Azzopardi ma kellu l-ebda kariga fi hdan Transport Malta izda kien kap ezekuttiv ta' Infrastructure Malta.  Dwar ix-xoghlijiet din l-ittra taqra li:

'il-mittenti jichad li l-entita' mmexxija minnu spussessatkom minn xi jedd, pussess jew tgawdija, bix-xoghlijiet li wettqet skond ma hi obbligata taghmel bil-ligi fi Triq l-Intornjatur, Mriehel, limiti ta' Birkirkara. Ghall-kuntrarju, bl-ezekuzzjoni tal-imsemmija xoghlijiet, l-Agenzija qed tadempixxi l-funzjonijiet taghha fuq triq pubblika, ga ffurmata u uzata mill-generalita' tal-pubblika.' (fol. 15).

Rat id-digriet fl-atti tal-mandat numru 1791/2012/1 fl-ismijiet Gaetano u Judith Cutajar vs. l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta u Central Asphalt Limited datat l-4 ta' Dicembru, 2012 a fol. 16 et seq tal-process. A fol. 23 inghad kif isegwi:

'Fil-fehma tal-Qorti l-proprjetarju huwa l-persuna li ghandha d-dritt li tiddeciedi fuq il-proprjeta' taghha u certament ghandha d-dritt li sakemm ma jibdewx proceduri ghal xi esproprjazzjoni li takkawtela hwejjigha. Mhuwiex gust li l-art ta' persuna tigi uzata mill-pubbliku minghajr ma bdew proceduri ghal esproprjazzjoni u kieku l-Qorti kellha tippermetti dan, jista' jwassal ghall-pozizzjoni fejn ghal numru twil ta' snin tigi mehuda proprjeta' minghand persuna minghajr il-process debitu legali u minghajr il-kumpens li tirrikjedi l-ligi. Dan ikun iwassal ghal pregudizju irrimedjabbli.'

Dik il-Qorti kienet ghalhekk pprocediet sabiex tilqa' t-talba ghall-Mandat ta' Inibizzjoni.

Rat izda li dan il-mandat gie fi tmiemu wara l-ghoti tad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datat 29 ta' Ottubru, 2015 esebita a fol. 29 et seq tal-process.

Rat ukoll l-ittra ufficcjali datata 5 ta' April, 2019 esebita a fol. 35 tal-process fejn l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta nfurmat lir-rikorrent li mihiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tax-xoghlijiet in kwistjoni.

Din il-Qorti rat li r-rikorrent Gaetano Cutajar xehed permezz ta' affidavit a fol. 47 tal-process. Fl-ewwel lok huwa jikkonferma li hu u martu huma sidien tal-art in kwistjoni. Hu jsemmi dak li nnota fuq l-art tieghu lura fis-sena 2012 liema atti kienu wasslu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq gia imsemmi. Jghid li fis-Sajf tas-sena 2018 inghata assigurazzjoni mill-Ministru Ian Borg li ma kien ser isir l-ebda xoghol izda hu xorta bghat ittra permezz tal-konsulent legali tieghu biex ma jkunx hemm malinitizi. Izid:

> 'Fil-fatt, b'sorpriza kbira wara rajt li x-xoghol inbeda minghajr hadd ma kellimni; jiena nkarigajt lill-Avukat Refalo biex jiehu passi kontra l-Awtoritajiet kompetenti, spiccajt ghamilt zewg kawzi ghaliex ma kontx cert minn minnhom awtorizza x-xoghol, imma jiena cert li x-xoghol sar taht l-Ordni ta' Awtorita jew ohra cioe Transport Malta jew Infrastructure Malta.
>
> Billi dawn ghamlu x-xoghol fuq il-proprjeta' tieghi minghajr ma esproprjaw l-art, jew almenu infurmawni u hadu l-kunsens tieghi, jiena kelli naghmel din il-kawza. Illi sal-lum ghadni ma nafx fic-cert min ta l-Ordni biex isiru ix-

xogholijiet; naf biss li dawn ix-xogholijiet saru mill-awtorita' pubblika *ad insaputa* tieghu u minghajr lanqas gejt infurmat b'xejn meta dawn kienu jafu ghaliex kienu infurmati li l-art kienet tieghi.'

Ir-rikorrent Gaetano Cutajar xehed ukoll viva voce a fol. 74 et seq tal-process. Jixhed li ma kienx hu li fforma t-triq fuq l-art tieghu ghaliex fuq dik l-art ghad ma ghandu l-ebda permess ta' zvilupp. Jghid li din giet iffurmata in parti meta saret it-triq principali. Dwar il-barriers jghid li dawn kienu saru bl-iskuza li n-nies ma jaqbzux fit-triq principali. In kontro-ezami jaqbel li kienu jghaddu l-karozzi qabel ma sar il-wicc tat-triq.

A fol. 79 et seq tal-process ir-rikorrent esebixxa numru ta' ritratti li juru l-istat tal-art in kwistjoni qabel ma sar il-wicc. Il-Qorti rat li uhud minn dawn ir-ritratti jgibu d-data ta' Ottubru, 2016 u li fihom tidher it-triq iffurmata fis-sens li anki karozzi jidhru pparkjati, izda tidher ftit mharbta minghajr wicc. Jidhru wkoll 'barriers' li jifirdu t-triq kif ezistenti mill-bqija tal-ghalqa tar-rikorrenti u wkoll speci ta' kurduna li tifred mit-triq principali. A fol. 83 l-quddiem jidher il-wicc li sar fuq din il-proprjeta'. Jidher ukoll li zdiedet barrier li tmiss mat-triq principali.

A fol. 100 ikompli jixhed ir-rikorrenti Gaetano Cutajar in kontro-ezami. Hu jixhed li t-tarmak sar ta' malajr u mill-ewwel mar ghand l-Avukat. Jenfasizza li l-blokki li jaqsmu mal-bqija tal-proprjeta' ma ghamilhomx hu izda li kien ilhom hemm madwar sentejn.

Rat ix-xiehda ta' Keith Fenech CEO tas-Central Business District Foundation a fol. 57 et seq tal-process. Dan ix-xhud jghid li x-

xoghol il-fondazzjoni hija dak ta' 'lobbying' u ma jaghmlux xoghol huma fit-toroq. Dwar l-art in kwistjoni jixhed li din kienet triq li gia kienet hemm:

> 'It was formed from Times of Malta to Forestals. It was formed.'

Jispjega izda li kienet imharbta u kien hemm talbiet sabiex din tigi rrangata ghaliex kienet ilha hemm snin imharbta. Jispjega li ghalih 'formed' tfisser li 'tghaddi bil-karozza'. Fuq mistoqsija tal-Qorti jghid li kienet maghmulha mill-hamrija:

> 'Kien hemm hamrija. Kien hemm ftit asphalt, zghir imma, u kien hemm debris, ha nghid hekk. Imma it was a road'.

Jispjega li dak iz-zmien biex tghaddi minn hdejn il-binja tat-'Times of Malta' ghall-Imriehel minn din it-triq ridt tghaddi. Jghid li f'dan il-kaz il-fondazzjoni uzat l-istess procedura billi ghamlet it-talba lil Infrastructure Malta biex issir it-triq. Izid li qabel dawn it-talbiet kienu jsiru lil Transport Malta. Jikkonferma li lilu r-rikorrenti Cutajar dejjem qallu li l-art hija tieghu. Jikkonferma wkoll li saret laqgha bejn Infrastructure Malta u s-Sur Cutajar izda jghid li l-involviment tieghu kien s'hemm.

Rat ix-xiehda tal-Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta l-Inginier Frederick Azzopardi a fol. 65 et seq tal-process. Dwar dan il-kaz partikolari jghid kif isegwi:

> 'Nahseb li ma kienx meeting wieehd. Nahseb kien hemm aktar minn meeting wiehed fejn is-Sur Cutajar, ehe gibed l-attenzjoni li hemmhekk it-triq qed jghid li hija tieghu u li

qed jippretendi kumpens minhabba li ghadu ma ffurmax . . . tieghu. Ahna, minn naha taghna iccekjajna jekk hemmx xi haga li qed izzommna mix-xoghol bhal per ezempju mandat in vigore, li meta ahna aggixxejna, ma kienx hemm. Ghaldaqstant bhal ma jkolli talbiet minn Kunsilli Lokali, f'dan il-kaz kelli talba mis-Sur Keith Fenech f'isem il-business district u jiena minn naha taghna ghamilna it-triq in kwistjoni.'

Izid:

'L-ewwelnett, ahna m'ghamilniex it-triq. It-triq hija ezistenti. Mhux talli kienet karozzi jghaddu biss, talli anke' karozzi matul il-gurnata, peress li qed nitkellmu fuq industrial estate, matul il-gurnata jkun hemm il-karozzi ipparkjati fil-genb u bilfors, ghax m'hemmx access iehor, iridu jghaddu minn din it-triq furmata. Li kieku din it-triq inghalqet, u nahseb li kien hemm skop meta infethet din it-triq, jekk it-triq tinghalaq, tkun qed titfa' hafna mill-haddiema fosthom tat-Times fuq il-main road minn access perikoluz. Ghaldaqstant, meta infethet, ma kien hemm l-ebda mod iehor ghax dak kien l-uniku access li, minn naha tat-Times, minn naha tal-fabbriki iktar 'il fuq iridu johorgu. . .

. . . Fil-verita', meta ahna nigu biex naghmlu toroq li jkunu ga iffurmati bhal dan il-kaz, Allahares noqghod insaqsi min iffurmaha. Ghandek obbligi legali ta' min jibni, irrid jifforma triq skemata. Hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq triq skemata, iffurmata. Ghaldaqstant kellek il-processi kollha

> lesti kif l-ahhar parti li ahna nidhlu u nasfaltawha u dak li ghamilna.'

Mistoqsi jekk qabel ma asfaltaw iccekjawx kinitx esproprjata jirrispondi li:

> 'La darba kulhadd jista jghaddi ghat-triq furmata, m'ghandix ghalfejn noqghod nistaqsi jekk hiex esproprjata.'

Dwar kif kienet iffurmata jghid li min iffurmaha originarjament ghamel xoghol sew ghaliex il-materjal tpogga sew u anki l-livell tat-triq kien tajjeb. Jikkonferma li kienet ilha snin li tlestiet izda ma jafx min ghamilha. Jghid li t-triq kienet identifikabbli ghaliex kien hemm 'barriers' fuq iz-zewg nahat, naha biex tifred mill-main road u n-naha l-ohra biex ma jaqawx fl-ghalqa. Izid li mis-sena 2018 ir-responsabiltajiet li kellha 'Transport Malta' fuq it-toroq hadithom Infrastructure Malta. Jghid li fil-kaz tal-art tar-rikorrenti Infrastructure Malta dahlet wara li kienet gia ffurmata mill-persuna li zviluppa triq li hija skemata u hija dahlet biex taghmel il-wicc tat-triq bl-asfalt. Dwar id-diversa proprjeta' li ghandhom ir-rikorrenti fl-akkwati ix-xhud jghid li huma avvicinaw lis-Sur Cutajar fuq toroq ohra. Jispjega izda li fejn ma setghux jidhlu ikkuntattjawh fejn setghu jahdmu, hadmu. Dwar it-triq in kwistjoni fil-kawza jghid li kienet diga accessibli u allura hadmu.

A fol. 86 et seq tal-process l-istess xhud jigi mistoqsi dwar ir-ritratti esebiti mir-rikorrent a fol. 79 et seq tal-process. Huwa jikkonferma li r-ritratti datati 2016 juru l-post kif kien qabel ma saru x-xoghlijiet mill-intimata. Izid ukoll li hemm ritratti li juru l-asfalt izda hemm ritratt GC 5 li izda qed juri wkoll li saret 'patch' li izda jghid li dik probabbli saret wara. Jghid li probabbli saret

sabiex saret il-'lamp post' imma mhux xoghol l-intimata li taghmel dawn. Jikkonferma li mir-ritratti jidher li x-xoghol li ghamlet l-intimata kienet it-tarmak u l-barrier (fol. 87). Izid ukoll li t-tabelli huma responsabbilta' ta' Transport Malta:

> 'Jekk it-tabella qlajniha biex nahdmu nergghu nwahhluha imma biex naghmlu tabelli godda, ingibu l-permess ta' Transport Malta.' (fol. 89).

Izid ukoll li l-iskop tat-triq qabel ma saru x-xoghlijiet u wara baqghet l-istess ghaliex qabel kienu jghaddu l-karozzi u wara baqghu jghaddu l-karozzi:

> 'le, l-iskop tat-triq ma nbidilx, kienet triq li jghaddu l-vetturi u baqghet triq li jghaddu l-vetturi.' (fol. 89)

Mistoqsi jekk din it-triq gietx esproprjata jghid li iva u li ilha zmien li giet esproprjata qabel ma nfethet il-kawza odjerna.

Il-Qorti rat l-inkartament esebit a fol. 91 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li l-art in kwistjoni inhareg ordni ta' esproprju fuqha bin-numru 503/1991 ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Lulju, 1991. Rat ukoll il-pjanta a fol. 95 tal-process relattiva ghall-istess avviz li tidher li tinkludi wkoll l-art tar-rikorrent li fuqha hemm il-kwistjoni odjerna quddiem din il-Qorti. Hadet ukoll konjizzjoni tal-pjanta a fol. 98 tal-process li ggib id-data tas-7 ta' Mejju, 1991. Fil-verbal tat-8 ta' Frar, 2022 ir-rikorrenti jissottomettu u jikkonfermaw li skonthom huwa minnu li l-espoprju jolqot ukoll l-art taghhom izda mhux l-art kollha nvoluta fil-kaz odjern.

Rat ir-rapport datat 5 ta' Frar, 2018 redatt mill-Perit Anton Zammit a fol. 103 et seq tal-process. F'dak iz-zmien huwa jiddikjara kif isegwi:

> 'Triq l-Intornjatur consists of a service road which runs parallel to Vjal Malta Royal Artillery, and which serves the industrial area in this area. The said road runs through two local councils, namely those of Qormi and B'kara.'

Jaghti wkoll pjanta tal-istess a fol. 104.

Izid li:

> 'The said inspection was carried out on the 5th February, 2018.
>
> After having inspected the said road, I confirm that the said road is open and accessible for vehicles from the Mriehel MFSA up to the Forestal Complex, as per photographs herewith attached.'.

Rat ir-ritratti annessi li uhud minnhom juru l-parti tal-art in kontestazzjoni fil-kaz odjern partikolarment ir-ritratt numru 5 meta komparat mar-ritratt esebit mir-rikorrenti stess a fol. 82 fejn dan tal-ahhar igib id-data tas-sena 2016.

Rat ix-xiehda ta' Jeffrey Formosa ghan-nom ta' Infrastructure Malta datat 8 ta' Frar, 2022 flimkien mad-dokumentazzjoni esebita minnu. Huwa jikkjarifika li wara li saru r-ricerki neccessarji gie kkonfermat li l-art kollha tas-Sur Cutajar fejn saru x-xoghlijiet hija esproprjata u mhux in parte. A fol. 115 jixhed:

> 'Jien minn dak li pprezentajt illum is-superimposition jidher li l-art immarkata bl-ahmar, kif immarkata min-naha tal-Awtorita' tal-artijiet, jidher li tikkorrispondi mal-art prezenti.'.

Mistoqsi jekk jaf x'inhu l-kejl ta' dak esproprjat jghid:

> 'Bl-amment le, pero' jidher li meta s-superimposition sar fuq pjanta tal-Planning Authority dik, jidher li hemm il-wisa' tat-triq kolllha inkluza, inkluz is-service road.' (fol. 115 ergo).

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

Illi wara li din il-Qorti gharblet ferm il-provi kollha fl-atti tqis li hemm dubji serji dwar jekk l-elementi tal-pussess u tal-att spoljattiv humiex sodisfatti fil-kaz odjern u dan minghajr ma wiehed jidhol fid-dubji li tqajjmu bejn il-partijiet dwar jekk l-art in kwistjoni hiex kollha esproprjata jew le.

Jirrizulta lil din il-Qorti li l-istat tal-art in kwistjoni qabel ma sehh l-allegat spoll kien dak li jidher fir-ritratti esebiti a fol. 80, 81 u 82 esebiti mir-rikorrenti stess li jgibu d-data ta' Ottubru, 2016 u dak li jidher fir-ritratti mehuda mill-Perit Anton Zammit a fol. 105 ergo u 106 li juru s-sitwazzjoni tal-art fil-5 ta' Frar, 2018. L-allegati atti spoljattivi jidher li ma hemmx kontestazzjoni li saru f'Marzu, 2019 fejn mill-atti rrizulta li sar tarmak jew asfalt u twahhlet barrier.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-istat tal-art in kwistjoni qabel l-allegat spoll kien dak ta' triq skemata gia ffurmata (hlief ghall-

wicc ta' asfalt jew tarmak) li kienet tintuza mill-karozzi tal-pubbliku sabiex jghaddu minn fuqha u wkoll sabiex il-karozzi tal-pubbliku jipparkjaw fuqha. Jirrizulta wkoll li l-istat tal-art kien li kien hemm distinzjoni cara bejn dik il-parti li qed tintuza bhala triq u l-bqija tal-art tar-rikorrenti li kienet delineata b'numru ta' 'barriers'. Il-Qorti gia ndikat li l-istess rikorrenti jaqbel li dawn il-'barriers' kien ilhom hemm madwar sentejn. Ghalhekk anki jekk kellu ghall-grazzja tal-argument wiehed jghid li r-rikorrenti kellhom xi tip ta' pussess qabel saru x-xoghlijiet dan il-pussess kien ta' bicca art li gia kienet uzata mill-pubbliku bhala triq sabiex jghaddi minn fuqa bil-vetturi u jipparkja fiha. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti mhix ser tinoltra ruhha oltre dwar il-kwistjoni tal-espropjru u jekk dan jolqotx l-art kollha jew in parte stante li se mai dik hija kwistjoni petitorja bejn il-partijiet u mhux f'lokha f'kawza ta' spoll.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li wara li l-intimata ghamlet il-wicc tat-triq, din it-triq baqghet triq skemata, uzata mill-pubbliku sabiex jghaddi minn fuqa bil-vetturi u jipparkja fiha. Huwa ghalhekk car li anki jekk wiehed kellu jghid ghall-grazzja tal-argument li r-rikorrenti seta' b'xi mod kellhom xi tip ta' pussess fuq l-art in kwistjoni dan il-pussess taghhom, li kien gia ferm limitat jekk mhux inezistenti, bl-ebda mod ma nbidel wara li sar il-wicc tat-triq u tpoggiet il-'barrier' flok il-kurduna li kien hemm.

Il-Qorti ghalhekk in vista tal-evalwazzjoni suesposta tqis li l-element ta' pussess da parti tar-rikorrenti fil-kaz odjern huwa pjuttost dubjuz tant li ma tqisx li jissodisfa l-grad tal-prova li tirrikjedi l-ligi. Dwar l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin li b'xi mod seta' jilledi dan il-pussess il-Qorti tqis li dan huwa ghal kollox mankanti f'din il-kawza stante li x-xoghol fuq il-wicc tat-

triq jew il-'barrier' bl-ebda mod ma jista jigi kkunsidrat li lleda b'xi mod xi pussess tar-rikorrenti jew bidel l-uzu li kien isir mill-art qabel sar ix-xoghol.

Ghaldaqstant stante li l-Qorti tqis li l-elementi tal-pussess u tal-ispoliatum fuisse ma jirrizultawx f'dawn il-proceduri, ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2022**